

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tad-29 ta' Ottubru 2012****li taħtar membru Grieg u membru supplenti Grieg fil-Kumitat tar-Reġjuni**

(2012/676/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Grieg,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE <sup>(1)</sup> u 2010/29/UE <sup>(2)</sup> li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.
- (2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Panagiottis PSOMIADIS sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni. Wara l-ħatra tas-Sur Spyridon SPYRIDON bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni ser isir vakanti siġġu ta' membru supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

**Artikolu 1**

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

(a) bħala membru:

— Is-Sur Spyridon SPYRIDON, Περιφερειακός Σύμβουλος Αττικής

u

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Dimitrios PETROVITS, Περιφερειακός Σύμβουλος Ανατολικής Μακεδονίας-Θράκης.

**Artikolu 2**

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-29 ta' Ottubru 2012.

*Għall-Kunsill**Il-President*

E. FLORENTZOU

<sup>(1)</sup> ġu L 348, 29.12.2009, p. 22.

<sup>(2)</sup> ġu L 12, 19.1.2010, p. 11.